



## Ġabra tal-ġurisprudenza

Kawża T-514/11

(pubblikazzjoni ta' siltiet)

**i-content Ltd Zweigniederlassung Deutschland**

vs

**L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)**

“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta’ oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali BETWIN — Trade mark Komunitarja figurattiva preċedenti b’Twin — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta’ konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”

Sommarju — Sentenza tal-Qorti Ġenerali (It-Tielet Awla) tal-4 ta’ Ġunju 2013

*Trade mark Komunitarja — Proċedura għat-tressiq ta’ kawża — Rikors quddiem il-qorti tal-Unjoni — Possibbiltà li l-Qorti Ġenerali tirrifirma d-deċiżjoni kkontestata — Limiti*

*(Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009, it-tieni sentenza tal-Artikolu 64(1) u Artikolu 65(3))*

Is-setgħa ta’ bidla mogħtija lill-Qorti Ġenerali skont l-Artikolu 65(3) tar-Regolament Nru 207/2009, dwar it-trade mark Komunitarja, ma għandhiex bħala effett li tagħti lil din il-qorti s-setgħa li twettaq evalwazzjoni li fuqha l-imsemmi Bord tal-Appell ikun għadu ma ddeċidiex. L-eżerċizzju tas-setgħa ta’ bidla għandu konsegwentement, bħala prinċipju, ikun limitat għas-sitwazzjonijiet fejn il-Qorti Ġenerali, wara li tkun stħarrġet l-evalwazzjoni magħmula mill-Bord tal-Appell, tkun f’pożizzjoni li tiddetermina, fuq il-bażi tal-punti ta’ fatt u ta’ liġi kif stabbiliti, id-deċiżjoni li l-Bord tal-Appell kellu jadotta.

(ara l-punt 78)